MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-16 ta' April, 2004

Avviz Numru. 29/2003

**AVVIZ NUMRU 29/2003**

**P. J. Sutters Company Limited**

**-vs-**

**Emanuel u Maureen konjugi Balzan**

Il-Qorti;

Rat l-avviz fejn s-socjeta' attrici talbet li l-konvenuti jhalsuha s-somma ta' Lm1800 rapprezentanti l-import ta' 4 kambjali mahruga mis-socjeta' attrici u ffirmati mill-konvenuti, liema kambjali lkoll skadew u ghalhekk huma lkoll dovuti u li qeghdin jigu hawn annessi u markati bhala dokumenti ittri A sa D bl-imghax mid-data ta' l-iskadenza ta' kull kambjala sal-gurnata tal-pagament effettiv u bl-isepjjez kollha inkluz dawk tal-mandati kawtelatorji

prezentati kontestwalment ma' dan l-avviz, kollox kontra l-konvenuti, li minn issa huma ngunti in subizzjoni.

Rat illi l-konvenuti naqsu li jidhru ghas-seduta li fiha kien appuntat dan l-avviz, minkejja li gew debitament notifikati.

Rat in-nota tal-konvenut tas-16 ta' April 2004 li biha qed jammetti t-talba.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Peress illi jidhrilha illi t-talba attrici hija gustifikata.

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u tikkundanna lill-konvenuti jhalsu s-somma ta' elf u tmien mitt lira Maltin (Lm1,800) rapprezentanti l-import ta' 4 kambjali mahruga mis-socjeta' attrici u debitament accettati u ffirmati minnhom stess.

Bl-imghax mid-data ta' l-iskadenza ta' kull kambjala sal-gurnata tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-mandati kawtelatorji pprezentati kontestwalment ma' dan l-avviz kontra l-konvenuti.

(ft.) A. Micallef Trigona
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------